**240. Il-Ministru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità jipproponi:**

Illi l-Kamra tad-Deputati

Wara li kkunsidrat l-obbligu ta' Malta lejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika biex tirratifika l-Emenda għall-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Fiżika ta' Materjal Nukleari;

Wara li kkunsidrat u li meta tirratifika l-Emenda għall-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Fiżika ta' Materjal Nukleari, Malta tingħaqad mal-ħamsa u tletin pajjiż ieħor li diġà rratifikaw din l-Emenda u b'hekk issaħħaħ il-pożizzjoni tagħha f'dan ir-rigward, kif aċċettata mill-parti l-kbira tal-komunità internazzjonali;

Wara liikkunsidrat is-subartikoli (1)(c) u (2)(b) tal-artikolu 3 tal-Att dwar ir-Ratifika ta' Trattati (Kap 304), u l-artikolu 3(2) tal-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali (Kap 365);

Tirriżolvi li tawtorizza lill-Gvern biex jirratifika l-Emenda għall-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Fiżika ta' Materjal Nukleari.

21.07.11